MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2008

Avviz Numru. 192/2008

**Kasco Limited (C-17886)**

**vs**

**Seliter Ltd. (C-21583)**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' rikorrenti ghall-kundanna tas-socjeta` intimata ghall-hlas tas-somma ta' ghaxart elef disa' mija u sebgha u disghin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€10,997.47) ekwivalenti ghall-erbat elef seba' mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (LM4,721.21,0) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' provvisti ta' karti mibjugha u debitament konsenjati lis-socjeta` intimata fuq ordnijiet taghha stess, liema bilanc baqa' ma thallasx, oltre l-imghaxijiet dekorribbli mid-dati tal-fatturi relattivi (indikata fuq il-prospett anness u**

**mmarkat Dok A) sad-data tal-effettiv pagament, bl-oghla rati permessi mill-ligi;**

**Nonostante li giet interpellata thallas diversi drabi, inkluz b'ittra bonarja datata 22 ta' Frar tas-sena 2008 (annessa u mmarkata Dok B), is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata ingunta in subizzjoni, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' rikorrenti sabiex is-socjeta' intimata twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta` intimata naqset u ma deher l-ebda rapprezentant taghha, la fit-8 t'Ottubru tas-sena 2008 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' ghaxart elef disa' mija u sebgha u disghin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€10,997.47);**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------